TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 394/11/GZ

**Sandra Falzon**

**vs**

**Kevin Borg - Borg Repairs and Spares**

Illum 28 ta' Marzu 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-7 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni fl-ammont ta' mija u tletin Ewro (€130.00), rapprezentanti affarijiet ta' l-ikel li kellhom jintremew, stante n-nuqqas ta' servizz ghat-tiswija tal-fridge tar-rikorrenti, kif ukoll id-dewmien u n-nuqqas ta' komunikazzjoni, kollha da parti tas-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent ssottometta bil-miktub illi:-**

Fit-13 ta' Lulju, certu Clifton Borg mar jiehu l-fridge tar-rikorrenti u qallha li sa jumejn tkun lesta. Wara erbat (4) ijiem, certu Kevin Borg cempel lir-rikorrenti u qallha li l-fridge ma kenitx qed izzomm il-gas u jekk jghamlilha mutur gdid (jiswa hamsin Ewro (€50.00)), tigi tahdem perfetta. Ir-rikorrenti accettat fuq il-kelma ta' l-intimat. Din il-fridge, qabel ma nghatat lis-socjeta' ntimata, kienet qieghda tahdem. Is-Sur Clifton kien taha fridge zghira hafna lir-rikorrenti sabiex tiddobba.

Fl-20 ta' Lulju, is-socjeta' ntimata hadet il-fridge lura lir-rikorrenti.

Fil-5 ta' Awissu, u cioe' erbatax (14)-il gurnata wara, il-fridge waqfet tahdem u r-rikorrenti kellha tarmi kollox minn go l-fridge b'xi tletin Ewro (€30.00) affarijiet.

Ir-rikorrenti kienet cemplet lis-socjeta' ntimata, li qaltilha li kienet bis-'shut down' u sabiex terga' ccemplilha lis-socjeta' fid-9 ta' Awissu.

Fid-9 ta' Awissu, Clifton mar ghand ir-rikorrenti biex jiccekja l-gas tal-fridge, fejn qal li sab kollox sew u li kellha r-regolatur mhux issetjat, meta dan kien fil-fatt gie rregolat mis-socjeta' ntimata stess meta kienet irrangat il-fridge. Clifton qal lir-rikorrenti sabiex terga' ccempel l-ghada jekk tibqa' ma tahdimx.

Fl-10 ta' Awissu, Clifton rega' mar ghand ir-rikorrenti sabiex jiccekja l-fridge u qal lir-rikorrenti li jista' jkun li l-fridge ghandha t-thermostat (li suppost bidlet is-socjeta' ntimata) difettuz, u ghalhekk rega' ha l-fridge. Qal lir-rikorrenti li l-ghada tkun lesta. Ir-rikorrenti kellha tarmi mija u ghaxar Ewro (€110.00) laham minn go l-freezer u baqghet tmien (8) tijiem ohra minghajr fridge.

Fit-12 ta' Awissu, ir-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata fejn Kevin qallha biex terga' ccempel fl-10:00 ta' filghodu ghaliex il-fridge ma kenitx lesta. Hija regghat cemplet fl-10:00 ta' filghodu, fejn l-intimat beda jghajjat fuq it-telefon u jakkuzaha li kien tort taghha li x-xoghol ma sarx sew u li jekk terga' ccempel kien ser jaqta' t-telefon. Qal ukoll li kienet dejqitu u li l-fridge kien se jaghtihielha meta ried hu. Kien gej il-weekend u t-Tnejn kienet festa, ghalhekk ir-rikorrenti kellha tixtri fridge ohra tiswa erbgha mija disgha u disghin Ewro (€499.00), ghaliex ma setghatx tibqa' bla fridge.

Fit-13 ta' Awissu, l-intimat hadilha lura l-fridge, minghajr biss avzaha lir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata bil-fatt li minhabba n-nuqqas ta' servizz u komunikazzjoni da parti tas-socjeta' ntimata, hija spiccat kellha tarmi mija u tletin Ewro (€130.00) affarijiet ta' l-ikel mill-fridge, u ghalhekk hija qed titlob danni fl-ammont ta' mija u tletin Ewro (€130.00).

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-istima ghat-tiswija tal-fridge, minn liema jirrizulta li r-rikorrenti kienet hallset lis-socjeta' ntimata ghall-istess. Ir-rikorrenti ezebiet ukoll kopji ta' zewg ircevuti tal-laham li kienet xtrat u li kellha tarmi, liema rcevuti huma datati 29 ta' Lulju 2011, ghall-ammont ta' sitta u erbghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€46.68), u 22 ta' Lulju 2011, ghall-ammont ta' tlieta u sittin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€63.27).

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienet cemplet lis-socjeta' ntimata sabiex tmur tara l-fridge taghha ghaliex kienet waqfet tahdem u staqsiet ukoll li tigi pprovduta bi fridge zghir jekk ikun il-kaz li s-socjeta' jkollha tiehu l-fridge ghat-tiswija. Is-socjeta' ntimata baghtet lil Clifton Borg sabiex jara l-fridge, fejn huwa ha l-fridge lura l-garaxx tas-socjeta' ghat-tiswija. L-ghada stess, ir-rikorrenti cemplet

lis-socjeta' ntimata, fejn is-socjeta' nformatha li kienu qed jaraw x'ghandha ghaliex kellha xi difett u kellha bzonn ukoll il-gas. Xi jumejn wara, is-socjeta' nformat lir-rikorrenti li jekk taghzel li tbiddel il-mutur, il-fridge tigi tahdem sew, ghal liema hija accettat. Ir-rikorrenti bdiet tilmenta pero', li hija riedet il-fridge lura u lesta dakinhar stess ghaliex kellha xi laham ghand in-nies u li l-fridge li s-socjeta' kienet tatha kienet zghira wisq. Is-socjeta' spjegat lir-rikorrenti li x-xoghol kien ser jiehu iktar zmien minn hekk u li apparti minn hekk is-socjeta' kienet ser ittiha sitt (6) xhur garanzija. Xi xahar wara, ir-rikorrenti regghat cemplet lis-socjeta' fejn qalet li l-fridge kienet waqfet tahdem, ghalhekk is-socjeta' regghat hadet lura l-fridge ghat-tiswija. Wara diversi telefonati da parti tar-rikorrenti, hija giet informatha li l-fridge kienet ser tinghata lura lilha u l-ghada, hekk kif kienet giet informatha, is-socjeta' ntimata irritornat il-fridge msewwija lir-rikorrenti.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' l-istima ghat-tiswija tal-fridge, liema stima kienet inghatat lir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li wara li l-fridge in kwistjoni kienet giet imsewwija mis-socjeta' ntimata, kien reggha hargilha difett wara biss erbatax (14)-il gurnata, u dana apparti mid-dewmien da parti tas-socjeta' ntimata ghal din it-tieni tiswija, liema tiswija jmissha qatt ma kien hemm bzonnha, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u dana a bazi ta' l-ircevuti li gew ezebiti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija u disgha Ewro u hamsa u disghin centezmu (€109.95) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**